A.L. 102 ta' l-1988

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Sagra (S.Th.L.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Pro-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għall-Grad ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Sagra (S.Th.L.) u għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew fi jew wara l-1986.

Dħul

1.1 Biex kandidat ikun eliġibbli biex jidħol għall-grad ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Sagra għandu:

(i) ikollu r-rekwiżiti tar-Regolamenti tad-Dħul ta' l-Istudent;

(ii) jissodifa ir-Regolamenti tal-Kors skond l-artiklu 3 ta' hawn taħt; u

(iii) itemm l-Kors ta' studju, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa ħtiġijiet oħra preskritti f'dawn ir-Regolamenti.

Tul tal-Kors

2.1 Il-kors li jwassal għall-S.Th.L. jestendi għal tul sentejn, kull sena maqsuma f'żewġ semestri.

Ħtiġijiet għad-Dħul

3.1 Kandidat jista' japplika biex jidħol fil-kors li jwassal għal Grad ta' S.Th.L., jekk ikollu l-grad ta' Baċellerat fit-Teoloġija ta' din il-Fakultà jew grad ekwivalenti fit-Teoloġija minn Università rikonoxxuta għal dan il-għan mill-Bord tal-Fakultà.

3.2 Kandidat li jkun segwa kors fit-Teoloġija f'istituzzjoni oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mill-Bord tal-Fakultà, u laħaq livell meqjus suffiċjenti jista' japplika lill-Fakultà għad-dħul fil-kors li jwassal għal S.Th.L.

Dan il-kandidat:

(i) ikollu joqgħod għall-eżami ta' l-istess *standard* ta' l-eżami Finali ta' l-S.Th.B. u jista' jkun ukoll dan l-istess eżami;

(ii) normalment ikun mitlub li jirreġistra għal sena studju *full-time* qabel ma jersaq għal dan l-eżami;

(iii) ikun meħtieġ li jissodisfa kundizzjonijiet oħra kif jidher li jkun meħtieġ mill-Bord tal-Fakultà.

Kors ta' Studji

4.1 Kandidat isegwi studji f'tema ta' studji speċjalizzati li toffri l-Fakultà.

4.2 Il-Kors ta' Studji jkun fih:

(a) suġġetti speċjali li huma marbuta mat-tema tal-kors minn żoni rilevanti tat-Teoloġija u Xjenzi anċillari;

(b) suġġetti ozzjonali, u

(ċ) *seminars*.

Lectures u Eżamijiet

5.1 It-tqassim ta' *study-units* u *seminars* tul l-erba' semestri tal-kors ta' studji u n-numru ta' *credits* assenjati għal kull *study-unit* u *seminar* ikunu irregolati mill-*Bye-laws* magħmula mill-Bord tal-Fakultà.

5.2 Ikun hemm eżami fi tmiem kull *study-unit*. Il-forma ta' dan l-eżami tkun indikata fis-*syllabus*.

5.3 Kandidat li jeħel f'eżami jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà biex joqgħod għal eżami ieħor fi żmien sitt xhur. Kandidat li jeħel f'dan ir-riparatorju ma jitħalliex ikompli l-kors ta' l-istudji.

Eżamijiet Finali

6.1 Fl-aħħar ta' l-erba' semestri jkun hemm eżami komprensiv bil-miktub li jkun jikkonsisti minn tliet karti ta' sagħtejn il-waħda.

6.2 L-Eżami finali jiġi mmexxi minn Bord ta' Eżaminaturi li jkun magħmul minn *Chairperson* li jrid ikun kap ta' dipartiment u żewġ membri oħra tal-Fakultà. Il-Bord ta' Eżaminaturi jista' jitlob l-għajnuna ta' membri oħra ta' l-istaff li jkunu għallmu fil-kors ta' l-S.Th.L. kemm waqt li jkunu qed jithejjew il-karti kif ukoll fl-għoti tal-marki.

6.3 Kandidat li jeħel fl-eżami finali jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, biex jerġa' jersaq għal eżami ieħor f'sessjoni oħra li trid issir mhux qabel sitt xhur u mhux wara tnax-il xahar minn meta jkun sar l-ewwel eżami. Kandidat ma jistax jagħmel l-eżami finali aktar minn darbtejn.

6.4 Kandidat li jkun assenti mill-eżami finali kollu jew minn parti minnu għal raġunijiet li ma jkollux kontroll fuqhom u li l-Bord tal-Fakultà jidhirlu li jkunu serji biżżejjed, jista' jitħalla li jagħmel l-eżami kollu jew parti minnu f'sessjoni oħra kif jippreskrivi l-Bord tal-Fakultà.

Dissertazzjoni

7.1 Kandidat għandu jikteb dissertazzjoni fuq suġġett approvat biex juri l-ħila tiegħu li jagħmel b'mod sodisfaċenti xogħol ta' riċerka xjentifika fit-Teoloġija.

7.2 It-titlu tad-dissertazzjoni għandu jiġi sottomess għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà qabel it-tmiem ta' l-ewwel sena tal-Kors ta' Studji.

7.3 Il-Bord tal-Fakultà għandu jaħtar membru tal-Fakultà biex ikun *supervisor* għal kull dissertazzjoni.

7.4 Kandidat jista' jissottometti d-dissertazzjoni tiegħu wara l-bidu tar-raba' semestru.

7.5 Kull dissertazzjoni għandha tiġi eżaminata minn Bord ta' Eżaminaturi ta' żewġ membri maħtura għal dan il-għan. Sakemm il-Bord tal-Fakultà ma jirrakkomandax mod ieħor is-*supervisor* ikun wieħed mill-eżaminaturi.

7.6 Il-kandidat għandu jiddefendi verbalment id-dissertazzjoni tiegħu quddiem persuni oħra li jistgħu jiġu nominati mill-Bord tal-Fakultà.

7.7 Id-dissertazzjoni ma tistax tiġi mressqa għall-eżami aktar tard minn tnax-il xahar wara li l-kandidat jkun għadda l-eżami finali. F'ċirkustanzi speċjali il-Bord tal-Fakultà jista' jtawwal dan iż-żmien b'mhux aktar minn sitt xhur.

7.8 Il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista':

(i) japprova d-dissertazzjoni kif ippreżentata mill-kandidat; jew

(ii) jirrikjedi mill-kandidat li jagħmel modifiki għad-dissertazzjoni qabel ma jerġa' jissottomettiha għal eżami ieħor; jew

(iii) ma japprovax id-dissertazzjoni.

7.9 Kandidat li jkun mitlub li jagħmel modifiki fid-dissertazzjoni għandu jissottomettiha bil-modifiki meħtieġa kif indikati mill-Bord ta' l-Eżaminaturi fi żmien tliet xhur minn meta jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni tagħhom.

7.10 Jekk id-dissertazzjoni tiġi meqjusa inadegwata, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jirrakkomanda lill-Bord tal-Fakultà illi l-kandidat iżid aktar fir-riċerka fuq is-suġġett tad-dissertazzjoni tiegħu, u wara jkun jista' jitħalla jerġa' jippreżenta mill-ġdid ix-xogħol kif rivedut fi żmien mhux aktar minn tmintax-il xahar.

Riżultati tal-Grad

8.1 Il-*grading* finali jieħu in konsiderazzjoni r-riżultati ta' l-eżamijiet tal-kors, tas-*seminars*, ir-riżultati ta' l-eżamijiet finali u tad-dissertazzjoni skond dan il-proporzjon:

(a) Eżamijiet tal-kors u tas-*seminars*: 40 punt, wieħed għal kull *credit*;

(b) Eżami finali: 25 punt;

(ċ) Dissertazzjoni: 35 punt.

8.2 L-ismijiet tal-kandidati li jgħaddu l-eżamijiet ta' l-S.Th.L., li d-dissertazzjoni tagħhom tkun ġiet approvata jiġu ppubblikati f'ordni alfabetiku skond dawn il-kategoriji:

Għadda bl-ikbar distinzjoni *(Summa cum Laude);*
Għadda b'distinzjoni *(Magna cum Laude);*
Għadda b'tifħir *(cum Laude);*
Għadda *(probatus).*

8.3 Kandidat li għadda l-eżamijiet finali skond ma jitlob l-artiklu 6.4 ta' dawn ir-regolamenti tingħatalu l-marka li għadda *(probatus).*

Dħul mill-Ġdid fil-Kors

9.1 Kandidat li minħabba raġunijiet speċjali aċċettabbli għall-Bord tal-Fakultà, ma jistax ikompli l-kors fi żmien sentejn, jista' jitħalla li jidħol f'wieħed miż-żewġ korsijiet sussegwenti taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Fakultà jista' jiddetermina f'kull każ. Permess bħal dan bl-ebda mod m'għandu jingħata aktar minn darba.